MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2004

Numru 710/2004

**Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**AARON GALEA**

**Illum, 29 ta' Settembru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Aaron Galea 23 yrs, iben Mario u Pauline nee` Agius, imwieled Pieta` fit-30/09/80, detentur ta' karta tal-Identita nru. 472880M u joqghod 'Garcast', Triq Habberxa, M'Scala, gie akkuzat:-

Talli gewwa Z-Zejtun f'nur 63, Triq ir-Ramla, Zejtun; fid-19 ta' Dicembru 2003 u fiz-zmien ta' qabel, bhala l-propjetarju ta' l-istess fond u bhala l-persuna

responsabbli, qabbad pipe ta’ l-ilma mal-main principali tas-servizz ta’ l-ilma fl-imsemmi fond, b’mezzi qarrieqa ghad-dannu tal-Water Services Corporation liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin ai termine ta’ l-artikoli 261, u 264 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi ghamel hsara volontarja fl-istess kanen ta’ l-ilma ghad-dannu ta’ l-istess Korporazzjoni bi ksur ta’ l-artikolu 326 (1a) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba li tapplika il-provedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta ghall-hlas tal-ispejjez peritali.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. JA3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta’ l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega` wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum Dr. Guido Pace Spadaro, ghall-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma ddikjara li l-imputat hallas dak kollu dovut lill-istess korporazzjoni dwar dan il-kaz.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Agius, filwaqt li kkonferma dak li ddikjara Dr. Guido Pace Spadaro ghall-Korporazzjoni tas-Servizzi ta’ l-Ilma, ddikjara wkoll li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261 (b), (c) u (f), 263 (a), 264, 267, 270, 278 (3), 280 (2) u 326 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Aaron Galea, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali ta' l-imputat, li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum Dr. Guido Pace Spadaro ghall-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma ddikjara li l-imputat hallas dak kollu dovut lill-istess korporazzjoni rigwardanti dan il-kaz, u li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Agius, filwaqt li kkonferma dak li ddikjara Dr. Guido Pace Spadaro ghall-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma, iddikjara wkoll li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, tillibera lill-istess imputat Aaron Galea taht il-Provvediment ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin mill-lum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Aaron Galea l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment, inkwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni li l-Qorti tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-hlas ta' spejjez peritali, peress li l-Qorti rat li l-espert li gie nominat kien fl-Inkjesta u mhux fil-kawza, ghalhekk tichad it-talba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------